## XI TFISSER TKUN *Bniedem?*

F'dan il-ktieb insibu ħdax-il konverżazzjoni bejn l-edituri u numru ta' akkademiċi minn oqsma varji fejn jingaġġaw ma' mistoqsija fundamentali: xi tfisser tkun bniedem? Mill-filosofija għall-ispiritwalità, mill-politika għal-letteratura, mis-saħħa mentali għall-arti, dan il-ktieb joħloq djalogu interdixxiplinarji li janima l-faċċati diversi ta' dak li jagħmilna bnedmin. L-għan ta' dan ix-xogħol hu li nieqfu u nammiraw kemm hu kumpless il-bniedem u nirriflettu ftit dwar ir-responsabbiltajiet kbar li għandu.

Dan il-ktieb jinseġ temi fundamentalment importanti imma kollox, fil-fehma tiegħi, idur mal-kunċett tal-konverżazzjoni tant meħtieġa bejn il-bniedem, biex b'hekk jissawwru l-komunitajiet. L-għarfien f'dan il-ktieb huwa ċertezza li ħa jqanqal ħafna emozzjonijiet. B'mod umli, ġentili imma b'sengħa liema bħalha, dal-ktieb jorqom ideat tant kumplessi u jwassalhom b'lingwa friska u diretta fil-qlub tal-qarrejja. Id-daqqiet bil-pinzell li l-edituri jagħtu fuq it-tila tal-ħajja mhumiex eżawrenti u jagħmlu dan bil-kollaborazzjoni tal-kelliema li huma jintervistaw. Irrid hawn nagħmel l-aħħar osservazzjoni, ċioe' kemm ir-radju mhuwiex mejjet anzi ħaj u fost l-aktar mezzi ta' komunikazzjoni ta' massa relevanti li għandna.

Prof. Andrew Azzopardi
Dekan tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà u Xandar

ISBN 978-9918-20-211-9
9 789918 202119

HORIZONS

XI TFISSER TKUN BNIEDEM?
KURT BORG u ROBERT FARRUGIA

# XI TFISSER TKUN *Bniedem?*



Editjat minn
**KURT BORG u ROBERT FARRUGIA**